KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKATA ĠENERALI
ĆAPETA
ippreżentati fis-17 ta' Marzu 2022 [1]

Kawża C-159/20

Il-Kummissjoni Ewropea
vs

Ir-Renju tad-Danimarka

(Nuqqas ta' Stat Membru li jwettaq obbligu – Protezzjoni tad-denominazzjonijiet ta' oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti tal-ikel – Regolament (UE) Nru 1151/2012 – Artikoli 1(1), 4 u 13 – Użu tad-denominazzjoni ta' oriġini protetta (DOP) "Feta" għal ġobon prodott fid-Danimarka iżda intiż għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi – Artikolu 4(3) TUE – Prinċipju ta' kooperazzjoni leali)

I. Introduzzjoni

1. Erġajna qegħdin naffaċjaw il-kwistjoni tal-"Feta". Dan huwa l-mod kif din il-kawża tista' tiġi introdotta mal-istudenti tad-dritt tal-Unjoni Ewropea, peress li dan huwa tal-inqas ir-raba' stadju ta' dik li ġiet imsejħa s-saga tal-"Feta" [2].

2. F'din il-kawża, billi tippreżenta rikors skont l-Artikolu 258 TFUE, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li r-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012 [3] billi naqas milli jipprevjeni jew iwaqqaf l-użu tal-isem "Feta" fuq il-ġobon prodott fid-Danimarka intiż għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni ssostni wkoll li r-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu ta' kooperazzjoni leali li jirriżultaw mill-Artikolu 4(3) TUE, waħdu jew flimkien mal-Artikoli 1(1) u 4 tar-Regolament Nru 1151/2012.

[1] Lingwa oriġinali: l-Ingliż.

[2] Ara f'dak ir-rigward, O'Connor, B. u Kireeva, I., "What's in a name? The 'feta' cheese saga", *International Trade Law & Regulation*, Vol. 9, 2003, p. 110.

[3] Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU 2012, L 343, p. 1, rettifiki fil-ĠU 2013, L 55, p. 27, fil-ĠU 2015, L 191, p. 10 u fil-ĠU 2019, L 2016, p. 40). Dan ir-regolament kien emendat l-iktar reċenti bir-Regolament (UE) 2021/2117 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-2 ta' Diċembru 2021 li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1308/2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli, (UE) Nru 1151/2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, (UE) Nru 251/2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u (UE) Nru 228/2013 li jistabbilixxi miżuri speċifiċi għall-agrikoltura fir-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni (ĠU 2021, L 435, p. 262).

3. Il-"Feta" huwa tip ta' ġobon, tradizzjonalment prodott mill-ħalib tan-nagħaġ, jew nagħaġ u mogħoż, f'partijiet mill-Greċja. Għal dawk li jridu jkunu jafu iktar dwar il-"Feta", nirreferi għad-deskrizzjoni poetika mogħtija mill-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer, peress li ma nistax inpoġġiha fi kliem aħjar [4]. Importanti għal każ inkwistjoni, li sa mill-2002, l-isem "Feta" ġie rreġistrat bħala denominazzjoni ta' oriġini protetta ("DOP") skont id-dritt tal-Unjoni Ewropea [5].

4. L-Unjoni rregolat il-protezzjoni tal-prodotti skont l-oriġini ġeografika tagħhom fir-rigward ta' prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel [6], kif ukoll ta' nbid [7], spirti [8] u prodotti tal-inbid aromatizzat [9]. Il-protezzjoni tal-prodotti agrikoli u tal-prodotti tal-ikel u l-inbid hija bbażata fuq il-kunċetti ta' DOP u indikazzjoni ġeografika protetta ("IĠP"), filwaqt li l-kunċett ta' indikazzjoni ġeografika ("IĠ") kien użat b'konnessjoni max-xorb spirituż u prodotti tal-inbid aromatizzat. Il-kunċett ta' DOP jinkludi rabta speċjali bejn il-kwalità tal-prodott u żona ġeografika partikolari, li hija aqwa minn IĠP peress li l-istadji kollha tal-produzzjoni u l-komponenti rilevanti jridu joriġinaw miż-żona ġeografika partikolari [10]. Minbarra d-DOP "Feta" fil-Greċja, eżempji oħra ta' DOPs huma "Parmigiano Reggiano" fl-Italja, "Champagne" fi Franza u "Paški sir" fil-Kroazja, biex inkunu semmejna wħud biss.

5. Ir-reġistrazzjoni tal-isem "Feta" bħala DOP seħħet biss wara serje ta' kawżi li fihom numru ta' Stati Membri kienu kkontestawha. Madankollu, is-saga tal-"Feta" bdiet saħansitra iktar kmieni. L-ewwel kawża kienet tinvolvi rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar il-kompatibbiltà tal-miżuri Griegi għall-prevenzjoni tat-tqegħid fis-suq tal-Greċja ta' ġobon mid-Danimarka bl-isem "Feta" mar-regoli tal-moviment liberu tal-Unjoni. Madankollu, dan ir-rinviju kien ġie rtirat qabel ma l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet tiddeċiedi [11]. It-tieni kawża kienet rikors għal annullament kontra r-Regolament tal-Kummissjoni li rreġistra l-"Feta" bħala DOP fl-1996 [12], li kien ippreżentat mir-Renju tad-Danimarka, mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u mir-Repubblika Franċiża. Fis-sentenza tagħha [13], il-Qorti tal-Ġustizzja laqgħet ir-rikors, annullat ir-regolament għar-raġuni li l-Kummissjoni ma kinitx ikkunsidrat debitament il-fatturi kollha meħtieġa fl-evalwazzjoni jekk isem ikunx sar ġeneriku [14]. Madankollu, fit-tielet kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet ir-rikors għal

[4] Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Canadane Cheese Trading and Kouri (C-317/95, EU:C:1997:311, punti 9 sa 19).

[5] Ara r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1829/2002 tal-14 ta' Ottubru 2002 li jemenda l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1107/96 rigward l-isem "Feta" (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti: Kapitolu 3, Vol. 37, p. 195).

[6] Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 3 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[7] Ara r-Regolament (UE) Nru 1308/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi organizzazzjoni komuni tas-swieq fi prodotti agrikoli u li jħassar ir-Regolamenti tal-Kunsill (KEE) Nru 922/72, (KEE) Nru 234/79, (KE) Nru 1037/2001 u (KE) Nru 1234/2007 (ĠU 2013, L 347, p. 671, rettifiki fil-ĠU 2014, L 189, p. 261, fil-ĠU 2016, L 130. p. 8 u fil-ĠU 2020, L 1, p. 5). Dan ir-regolament kien emendat l-iktar reċenti bir-Regolament 2021/2117.

[8] Ara r-Regolament (UE) 2019/787 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' xorb spirituż, l-użu tal-ismijiet ta' xorb spirituż fil-preżentazzjoni u t-tikkettar ta' oġġetti tal-ikel oħra, il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' xorb spirituż, l-użu ta' alkoħol etiliku u distillati ta' oriġini agrikola f'xorb alkoħoliku, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 110/2008 (ĠU 2019, L 130, p. 1, rettifika fil-ĠU 2019, L 316, p. 3 u fil-ĠU 2021, L 178, p. 4).

[9] Ara r-Regolament (UE) Nru 251/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Frar 2014 dwar id-definizzjoni, id-deskrizzjoni, il-preżentazzjoni, it-tikkettar u l-protezzjoni tal-indikazzjonijiet ġeografiċi tal-prodotti tal-inbid aromatizzat u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 1601/91 (ĠU 2014, L 84, p. 14, rettifika fil-ĠU 2014, L 105, p. 12 u fil-ĠU 2020, L 182, p. 11). Dan ir-regolament kien emendat l-iktar reċenti bir-Regolament 2021/2117. Ara wkoll in-nota ta' qiegħ il-paġna 28 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[10] Ara l-Artikoli 5(1) u (2) tar-Regolament Nru 1151/2012. Għall-inbid, ara l-Artikolu 93(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 1308/2013.

[11] Ara d-digriet tal-President tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Awwissu 1997, Canadane Cheese Trading u Kouri (C-317/95, EU:C:1997:393). Imma ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawża Canadane Cheese Trading u Kouri (C-317/95, EU:C:1997:311).

[12] Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/96 tat-12 ta' Ġunju 1996 dwar ir-reġistrazzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi u denominazzjonijiet ta' oriġini taħt il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 17 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2081/92 (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 19, p. 176, rettifika fil-ĠU 2015, L 60, p. 70) sa fejn irreġistra d-denominazzjoni "Feta" bħala DOP.

[13] Sentenza tas-16 ta' Marzu 1999, Id-Danimarka *et* vs Il-Kummissjoni (C-289/96, C-293/96 u C-299/96, EU:C:1999:141).

[14] Ara s-sentenza tas-16 ta' Marzu 1999, Id-Danimarka *et* vs Il-Kummissjoni (C-289/96, C-293/96 u C-299/96, EU:C:1999:141, punti 81 sa 103).

annullament ippreżentat mir-Renju tad-Danimarka u mir-Repubblika Federali tal-Ġermanja kontra r-Regolament Nru 1829/2002, li permezz tiegħu l-Kummissjoni, wara evalwazzjoni ulterjuri, irreġistrat għal darba oħra l-"Feta" bħala DOP [15].

6. Abbażi tar-Regolament Nru 1151/2012, ir-reġistrazzjoni tal-isem "Feta" bħala DOP tfisser li jista' jintuża biss għal ġobon li joriġina miż-żona ġeografika speċifika fil-Greċja u li huwa konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott fir-Regolament Nru 1829/2002.

7. L-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 1151/2012 jobbliga lill-Istati Membri jieħdu l-miżuri neċessarji sabiex jipprevjenu jew iwaqqfu l-użu illegali ta' DOPs irreġistrati fit-territorju tagħhom. Il-Kummissjoni, sostnuta mir-Repubblika Ellenika u mir-Repubblika ta' Ċipru, issostni li r-Renju tad-Danimarka kiser dan l-obbligu billi naqas milli jipprevjeni jew iwaqqaf l-użu tal-isem "Feta" għal ġobon prodott fid-Danimarka u intiż għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

8. Ir-Renju tad-Danimarka ma jiċħadx li huwa ma jipprevjenix jew ma jwaqqafx lill-produtturi fit-territorju tiegħu milli jużaw l-isem "Feta" jekk il-prodotti tagħhom ikunu intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Madankollu, huwa jikkunsidra li r-Regolament Nru 1151/2012 japplika biss għal prodotti mibjugħa fl-Unjoni u ma jkoprix esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Fil-fehma tiegħu, l-użu tal-isem "Feta" għal ġobon prodott fid-Danimarka, iżda intiż biss għall-esportazzjoni lejn is-swieq ta' pajjiżi terzi fejn l-isem "Feta" ma huwiex protett abbażi ta' ftehim internazzjonali, ma jammontax għal ksur tar-Regolament Nru 1151/2012. Għalhekk, nuqqas ta' prevenzjoni jew twaqqif tal-użu tal-isem "Feta" għal ġobon esportat ma jmurx kontra l-obbligu skont l-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 1151/2012 għax tali obbligu ma jirriżultax minn din id-dispożizzjoni.

9. Essenzjalment, it-tilwima ewlenija bejn il-partijiet f'din il-kawża hija dwar jekk id-dritt tal-Unjoni rilevanti jipprekludix l-użu tal-isem "Feta" għal prodotti esportati lejn pajjiżi terzi li ma humiex prodotti skont l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott "Feta" bħala DOP irreġistrata.

10. Sabiex inkun ċara, it-tilwima ma hijiex dwar il-kompetenzi tal-Unjoni. Ir-Renju tad-Danimarka ma jsostnix li l-Unjoni ma hijiex kompetenti sabiex tilleġiżla bil-għan li tipprojbixxi l-użu tal-isem "Feta" għal prodotti esportati. Huwa jsostni biss li skont il-leġiżlazzjoni attwali, il-leġiżlatur tal-Unjoni ma għażilx li jipprojbixxi tali użu.

11. Għaldaqstant, din il-kawża teħtieġ lill-Qorti tal-Ġustizzja tinterpreta l-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012. Il-prerekwiżit għal dan huwa għarfien tar-raġuni u l-iskop wara l-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, u b'mod iktar preċiż ta' DOPs, kif intiżi mil-leġiżlatur tal-Unjoni. Din il-kawża tqajjem ukoll mistoqsijiet importanti dwar il-prinċipju ta' kooperazzjoni leali stabbilit fl-Artikolu 4(3) TUE fil-kuntest ta' azzjonijiet għal ksur ippreżentati kontra l-Istati Membri.

[15] Ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2005, Il-Ġermanja u Id-Danimarka vs Il-Kummissjoni (C-465/02 u C-466/02, EU:C:2005:636).

II. Il-kuntest ġuridiku

12. Sabiex tiddeċiedi din il-kawża, il-Qorti tal-Ġustizzja trid tinterpreta r-Regolament Nru 1151/2012. L-Artikolu 1 tiegħu, intitolat "Objettivi", li jinsab fit-Titolu I tiegħu ("Dispożizzjonijiet Ġenerali") jipprevedi:

"1. Dan ir-Regolament għandu l-għan li jgħin lill-produtturi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel jikkomunikaw lix-xerrejja u lill-konsumaturi l-karatteristiċi tal-prodotti u l-attributi tal-biedja ta' dawk il-prodotti u oġġetti tal-ikel, u b'hekk jiżgura:

(a) kompetizzjoni ġusta għall-bdiewa u għall-produtturi ta' prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel li jkollhom karatteristiċi u attributi li jżidu l-valur;

(b) id-disponibbiltà għall-konsumaturi ta' informazzjoni affidabbli li tappartjeni għal dawk il-prodotti;

(c) rispett għal drittijiet ta' proprjetà intellettwali; u

(d) l-integrità tas-suq intern.

Il-miżuri stabbiliti f'dan ir-Regolament huma maħsubin biex jappoġġaw attivitajiet agrikoli u ta' pproċessar kif ukoll is-sistemi tal-biedja assoċjati ma' prodotti ta' kwalità għolja, u b'hekk jikkontribwixxu għall-kisba tal-objettivi tal-politika għall-iżvilupp rurali.

[…]"

13. L-Artikolu 4 tar-Regolament Nru 1151/2012, intitolat "Objettiv", li jifforma parti mit-Titolu II ta' dan ir-regolament ("Denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti") jipprevedi:

"B'dan hija stabbilita skema għad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u għall-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti sabiex tgħin lill-produtturi ta' prodotti relattivi għal żona ġeografika billi:

(a) tiżgura li jkollhom dħul ġust għall-kwalitajiet tal-prodotti tagħhom;

(b) tiżgura li jkun hemm protezzjoni uniformi tal-ismijiet bħala dritt ta' proprjetà intellettwali fit-territorju tal-Unjoni;

(c) tipprovdi lill-konsumaturi informazzjoni ċara dwar l-attributi li jżidu l-valur tal-prodott."

14. L-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012, fil-verżjoni applikabbli fiż-żmien rilevanti[16], intitolat "Protezzjoni", li wkoll jifforma parti mit-Titolu II tiegħu, jipprevedi:

"1. L-ismijiet irreġistrati għandhom ikunu protetti kontra:

(a) kwalunkwe użu kummerċjali, dirett jew indirett, ta' isem irreġistrat fir-rigward ta' prodotti mhux koperti mir-reġistrazzjoni fejn dawk il-prodotti jkunu komparabbli mal-prodotti rreġistrati taħt dak l-isem jew fejn l-użu tal-isem ikun qed jisfrutta, idgħajjef jew inaqqas ir-reputazzjoni tal-isem protett, inkluż f'każijiet meta dawn il-prodotti jintużaw bħala ingredjenti;

(b) kwalunkwe użu skorrett, imitazzjoni jew evokazzjoni, anke jekk l-oriġini vera tal-prodotti jew tas-servizzi hija indikata jew jekk l-isem protett huwa tradott jew akkumpanjat b'espressjoni bħal 'stil', 'tip', 'metodu', 'kif prodott fi', 'imitazzjoni' jew xi espressjoni simili, inkluż il-każ meta dawk il-prodotti jintużaw bħala ingredjent;

(c) kwalunkwe indikazzjoni oħra falza jew li tiżgwida dwar il-provenjenza, l-oriġini, in-natura jew il-kwalitajiet essenzjali tal-prodott li tintuża fuq il-pakkett minn ġewwa jew minn barra, fuq il-materjal ta' riklamar jew fuq dokumenti relatati mal-prodott ikkonċernat, u l-ippakkjar tal-prodott f'kontenitur li jista' jagħti impressjoni falza dwar l-oriġini tiegħu;

(d) kull prattika oħra li tista' tiżgwida lill-konsumatur dwar l-oriġini vera tal-prodott.

Fejn denominazzjoni protetta tal-oriġini jew indikazzjoni ġeografika protetta jkollha fiha l-isem ta' prodott li jitqies bħala ġeneriku, l-użu ta' dak l-isem ġeneriku m'għandux jitqies bħala użu li jmur kontra l-punti (a) jew (b) tal-ewwel subparagrafu.

2. Id-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti ma għandhomx isiru ġeneriċi.

3. L-Istati Membri għandhom jieħdu passi amministrattivi u ġudizzjarji adatti biex jimpedixxu jew iwaqqfu l-użu illegali ta' denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u ta' indikazzjonijiet ġeografiċi protetti, kif imsemmi fil-paragrafu 1, li huma prodotti jew kummerċjalizzati f'dak l-Istat Membru.

[…]"

III. Il-proċedura prekontenzjuża

15. Fis-26 ta' Jannar 2018, wara lmenti magħmula mill-awtoritajiet Griegi, il-Kummissjoni bagħtet ittra ta' intimazzjoni formali lir-Renju tad-Danimarka, skont l-Artikolu 258 TFUE, li fiha stabbilixxiet il-fehma tagħha, li billi naqas milli jipprevjeni jew iwaqqaf produtturi Daniżi milli jesportaw ġobon bl-isem "Feta" lejn pajjiż terzi, minkejja l-fatt li dan il-ġobon ma kienx konformi mal-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott "Feta" fir-Regolament Nru 1829/2002, dan l-Istat Membru kiser id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari, l-Artikolu 4 TUE u l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012.

[16] Ir-Regolament Nru 1151/2012 kien emendat bir-Regolament 2021/2117. Huwa introduċa bidliet, fosthom, għat-test tal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012, li madankollu ma humiex sinjifikattivi għal din il-kawża.

16. Fil-21 ta' Marzu 2018, ir-Renju tad-Danimarka wieġeb għall-ittra ta' intimazzjoni formali u kkontesta l-argumenti tal-Kummissjoni.

17. Fil-25 ta' Jannar 2019, il-Kummissjoni indirizzat opinjoni motivata lir-Rejnu tad-Danimarka, fejn talbet lil dan l-Istat Membru jtemm il-ksur allegat tal-Artikolu 4(3) TUE u l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012 fi żmien xahrejn minn meta jirċievi din l-opinjoni motivata.

18. Fit-22 ta' Marzu 2019, ir-Renju tad-Danimarka wieġeb għall-opinjoni motivata u żamm il-pożizzjoni tiegħu li l-ksur allegat kien infondat.

IV. Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

19. Permezz tar-rikors tagħha ppreżentat fit-8 ta' April 2020, il-Kummissjoni ressqet din il-kawża quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 258 TFUE. Hija ssostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

– (1) tiddikjara li r-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012, billi naqas milli jipprevjeni jew iwaqqaf l-użu minn produtturi Daniżi tal-isem irreġistrat "Feta" għal ġobon li ma jikkonformax mal-ispeċifikazzjoni tal-prodott fir-Regolament Nru 1829/2002;

– (2) tiddikjara li r-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 4(3) TUE flimkien mal-Artikoli 1(1) u 4 tar-Regolament Nru 1151/2012, billi awtorizza produtturi Daniżi jipproduċu u jikkummerċjalizzaw imitazzjonijiet ta' "Feta"; u

– (3) tikkundanna lir-Renju tad-Danimarka għall-ispejjeż tal-proċeduri.

20. Fir-risposta tiegħu ppreżentata fis-6 ta' Ottubru 2020, ir-Renju tad-Danimarka jsostni li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

– (1) ti ċħad dan ir-rikors kollu bħala infondat; u

– (2) tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tal-proċeduri.

21. Il-Kummissjoni u r-Renju tad-Danimarka ppreżentaw ukoll replika u kontroreplika fl-1 ta' Diċembru 2020 u fid-29 ta' Jannar 2021 rispettivament.

22. B'digrieti tat-8 u tat-18 ta' Settembru 2020, il-President tal-Qorti tal-Ġustizzja awtorizza l-intervent tar-Repubblika Ellenika u tar-Repubblika ta' Ċipru f'din il-kawża insostenn tat-talbiet tal-Kummissjoni.

23. Ebda seduta ma ntalbet u ebda waħda ma nżammet. Il-Qorti tal-Ġustizzja għamlet ċerti mistoqsijiet għal tweġiba bil-miktub lill-Kummissjoni, lir-Renju tad-Danimarka, lir-Repubblika Ellenika u lir-Repubblika ta' Ċipru bil-għan li tirċievi tweġiba bil-miktub skont l-Artikolu 61(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn il-partijiet kollha taw it-tweġibiet bil-miktub tagħhom għall-mistoqsijiet magħmula lilhom fit-terminu mogħti.

V. Analiżi

A. L-ewwel ilment ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012

24. Qabelxejn, għandu jiġi nnotat li r-Regolament Nru 1151/2012 ma jinkludix dispożizzjoni li tindika espressament li huwa japplika għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Għaldaqstant, ma huwiex ovvju jekk dan ir-regolament jistax jiġi interpretat li japplika għal dawn l-esportazzjonijiet. Meħudin waħedhom u mingħajr preġudizzju għall-analiżi tiegħi li sejjer nesponi, il-pożizzjonijiet adottati mill-Kummissjoni u mir-Renju tad-Danimarka dwar din il-kwistjoni jidhirli li huma ugwalment raġonevoli. Għalhekk, hemm żewġ interpretazzjonijiet possibbli tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 1151/2012.

25. Iż-żewġ interpretazzjonijiet kuntrarji tar-Regolament Nru 1151/2012 donnhom joriġinaw minn oqfsa interpretattivi differenti.

1. Oqfsa interpretattivi

26. Niddeskrivi l-perspettiva tal-Kummissjoni bħala waħda li tenfasizza l-importanza tal-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali u tqis id-DOPs neċessarji għall-promozzjoni ta' valuri għall-komunitajiet lokali. Ser nirreferi għal din il-perspettiva bħala l-qafas interpretattiv tal-proprjetà intellettwali.

27. Ir-Renju tad-Danimarka pjuttost jibni l-interpretazzjoni tiegħu tar-Regolament Nru 1151/2012 billi jibda mill-perspettiva tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ. Nifhem dan il-qafas interpretattiv bħala wieħed ibbażat fuq il-loġika li bħala prinċipju l-kummerċ huwa tajjeb u għalhekk ma għandux jiġi pprojbit. L-ostakoli għall-kummerċ jistgħu jiġu awtorizzati, iżda dawn għandhom ikunu meqjusa bħala l-eċċezzjoni, u mhux ir-regola. Ser nirreferi għal din il-perspettiva bħala l-qafas interpretattiv tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ.

28. Din il-pożizzjoni Daniża ma hijiex sorprendenti. Huwa neċessarju li wieħed jiftakar il-fatt li l-produzzjoni u l-esportazzjoni ta' ġobon bl-isem "Feta" ilhom jeżistu fid-Danimarka sa mis-snin 1960[17]. Dan preċedentement għar-reġistrazzjoni ta' "Feta" bħala DOP fl-2002. Jidher ukoll li inċentiv tal-esportazzjoni ta' ġobon bl-isem "Feta" kien jeżisti bħala riżultat tar-rifużjonijiet ta' esportazzjoni tal-Unjoni[18]. B'differenza għall-"Feta" protett illum bħala DOP, il-"Feta Daniż" huwa prodott mill-ħalib tal-baqra bl-użu ta' metodi ta' produzzjoni differenti. Produtturi Daniżi jikkompetu, flimkien ma' produtturi oħra ta' dak li ser insejjaħlu "Feta falz", ma' produtturi ta' "Feta" ġenwini fis-swieq ta' pajjiżi terzi, fejn l-isem "Feta" ma huwiex protett.

29. Iż-żewġ perspettivi interpretattivi differenti jirriżultaw fl-argumenti varji li l-Kummissjoni u r-Renju tad-Danimarka jressqu f'din il-kawża u jwasslu għal nuqqas ta' qbil dwar xiex hija din il-kawża verament.

30. Skont ir-Renju tad-Danimarka, din it-tilwima tirrigwarda l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni, li fil-fehma tiegħu, waqt l-adozzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012, ma kellux l-intenzjoni li jipprevjeni l-esportazzjonijiet ta' "Feta falz" lejn pajjiżi terzi. Għalhekk, dan ir-regolament ma jistax jinqara b'mod li jipprojbixxi produtturi Daniżi (jew oħrajn) ta' "Feta falz"

[17] Ara l-premessa 11 tar-Regolament Nru 1829/2002.

[18] Ara l-premessa 32 tar-Regolament Nru 1829/2002.

milli jikkompetu fis-swieq internazzjonali disponibbli (dawk li ma jipproteġux il-"Feta"). Għal din ir-raġuni, ir-Renju tad-Danimarka jikkunsidra li huwa ma għandux obbligu li jipprevjeni tali esportazzjonijiet.

31. Skont il-Kummissjoni, sostnuta mir-Repubblika Ellenika u mir-Repubblika ta' Ċipru bħala intervenjenti, din it-tilwima tirrigwarda l-użu illegali tal-isem "Feta" mill-produtturi Daniżi. Skont il-perspettiva tagħhom, id-destinazzjoni tal-prodott hija irrilevanti għall-istabbiliment tal-allegat ksur.

32. Il-partijiet iressqu t-tipi ta' argumenti tas-soltu sabiex jiġġustifikaw il-pożizzjonijiet tagħhom abbażi tal-formulazzjoni, tal-għanijiet u l-istorja tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fid-dawl tal-approċċ meħud fil-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [19]. Ser nuri li jekk jitqiesu fl-oqfsa interpretattivi tagħhom stess, dawn l-argumenti jidhru konvinċenti, jew tal-inqas, pjuttost konvinċenti għal kull naħa. Dan għaliex il-partijiet jagħżlu dawk l-argumenti l-iktar addattati għall-qafas interpretattiv rispettiv tagħhom.

33. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, f'din il-kawża l-Qorti tal-Ġustizzja ma għandhiex tiżen u tagħżel bejn dawn l-argumenti, iżda pjuttost bejn iż-żewġ oqfsa interpretattivi. Il-qafas li fil-fehma tal-Qorti tal-Ġustizzja huwa l-iktar addattat [20] għall-politika wara l-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini huwa l-qafas li l-argumenti tiegħu għandhom jipprevalu.

34. Peress li jintużaw f'oqfsa interpretattivi differenti, l-argumenti tal-partijiet mhux dejjem "ikellmu" lil xulxin. Madankollu, okkażjonalment, parti waħda jew oħra tressaq ukoll argumenti fil-qafas interpretattiv użat mill-parti l-oħra. Fit-taqsima li ġejja, ser nippreżenta sommarju tal-iktar argumenti rilevanti mressqa mill-partijiet, u nissistematizzahom fil-kategoriji tradizzjonali relatati mal-formulazzjoni, l-għanijiet u l-istorja leġiżlattiva, flimkien ma' dawk relatati mal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [21]. Imbagħad ser nipproponi l-fehma tiegħi fir-rigward tal-perspettiva li nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiffavorixxi u nispjega għaliex.

35. B'antiċipazzjoni, niżvela mill-bidu li l-preferenza tiegħi hija tal-qafas interpretattiv sostnut mill-Kummissjoni u mill-intervenjenti. Għalhekk, ser nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa' t-talba tal-Kummissjoni li r-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012.

2. Sistematizzazzjoni u evalwazzjoni tal-argumenti tal-partijiet

a) Argumenti dwar il-formulazzjoni

36. Il-Kummissjoni tibbaża ruħha fuq il-formulazzjoni tal-Artikolu 13(1) tar-Regolament Nru 1151/2012, li jipprovdi għall-protezzjoni ta' ismijiet irreġistrati kontra "*kwalunkwe*" użu dirett u indirett [22]. Hija tibbaża wkoll fuq il-formulazzjoni tal-Artikolu 13(3) tiegħu, li jindika li

[19] Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego (C-614/17, EU:C:2019:344, punt 16).

[20] Ara f'dan ir-rigward, Dworkin, R., *Law's Empire*, Harvard University Press, Cambridge, 1986. Għalkemm jiena xettiku dwar il-proposta ta' Dworkin dwar l-eżistenza ta' tweġiba legali waħda korretta, jiena konvint bl-idea tiegħu li t-tfittxija għall-iktar waħda addattata hija waħda mill-prinċipji li għandhom jiggwidaw lill-qrati.

[21] Inqis li huwa neċessarju li jiġi spjegat li xi argumenti jistgħu jitqiegħdu f'iktar minn kategorija waħda. Għall-finijiet ta' simplifikazzjoni, tali argumenti qegħedthom fil-kategorija li deherli li hija l-iktar rilevanti.

[22] Enfasi magħmula minni.

l-obbligi tal-Istati Membri jqumu meta isem irreġistrat jintuża għal prodotti li huma "*prodotti jew* kummerċjalizzati f'dak l-Istat Membru"[23]. Skont il-Kummissjoni, dawn id-dispożizzjonijiet jagħmluha ċara li l-Istati Membri għandhom jiżguraw protezzjoni kontra l-użu ta' ismijiet irreġistrati bħala DOPs f'żewġ tipi ta' sitwazzjonijiet: l-ewwel, meta l-prodotti li jużaw dawn l-ismijiet huma prodotti fit-territorju tagħhom, u t-tieni, meta prodotti minn Stati Membri oħra jew pajjiżi terzi li jużaw illegalment l-isem irreġistrat jiġu kkummerċjalizzati fit-territorju tagħhom.

37. Ir-Renju tad-Danimarka ma jikkunsidrax li l-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 1151/2012 huwa ċar daqskemm tqisu l-Kummissjoni. Huwa jargumenta li l-fatt li din id-dispożizzjoni tirrigwarda prodotti "prodotti jew kummerċjalizzati f'dak l-Istat Membru" ma huwiex suffiċjenti fih innifsu sabiex jiġi ddeterminat l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament. L-eżistenza ta' użu illegali li skont din id-dispożizzjoni għandu jiġi pprojbit tiddependi fuq jekk il-ġobon huwiex intiż li jitqiegħed fis-suq intern jew esportat lejn pajjiżi terzi. Ir-Renju tad-Danimarka jaqbel mal-Kummissjoni li l-protezzjoni għandha tingħata sa mill-mument tal-produzzjoni, iżda biss jekk l-isem irreġistrat bħala DOP huwa użat illegalment f'dak il-mument. Madankollu, l-użu ta' ismijiet irreġistrati fuq prodotti intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ma huwiex użu illegali. Għalhekk, ma hemm ebda obbligu tal-prevenzjoni tal-użu tal-isem "Feta" għal ġobon prodott fid-Danimarka, iżda intiż għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Kieku l-leġiżlatur tal-Unjoni ried li l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi jkunu koperti mir-Regolament Nru 1151/2012, huwa kien jiddikjara dan espressament.

38. Fil-kuntest tal-qafas interpretattiv tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, dan l-argument huwa persważiv. Il-projbizzjoni tal-użu ta' isem li bih jitqiegħed fis-suq prodott esportat tirrappreżenta ostakolu għall-kummerċ[24]. Għalhekk, wieħed jista' jaċċetta li skont il-qafas interpretattiv tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, dan l-ostakolu ma jistax ikun impliċitu, iżda għandu jkun espressament previst u sabiex ikun legali, għandu jkun ukoll iġġustifikat u proporzjonat. Ir-Renju tad-Danimarka jsostni l-argument tiegħu li l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi għandhom jissemmew espressament bil-prinċipju ta' ċertezza legali. Fid-dawl tal-konsegwenzi fuq l-esportaturi ta' ġobon bl-isem "Feta", huwa jsostni, li projbizzjoni ta' tali esportazzjonijiet għandha tkun ċara abbażi tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1151/2012.

39. Waqt li tipprova tindirizza dawn l-argumenti mill-qafas tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, il-Kummissjoni ssostni li l-interpretazzjoni tagħha, li l-użu tal-isem "Feta" għandu jiġi pprojbit anki jekk il-prodott huwa intiż għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, ma tirrappreżentax projbizzjoni tal-esportazzjoni peress li l-produtturi Danizi xorta jistgħu jesportaw il-ġobon; sempliċement ma jistgħux isejħulu "Feta". Madankollu, anki jekk ma hijiex projbizzjoni tal-esportazzjoni, il-projbizzjoni tal-użu ta' dak l-isem xorta hija ostakolu għall-esportazzjonijiet. Għalhekk, mill-perspettiva tal-qafas interpretattiv tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, l-argument tal-Kummissjoni ma huwiex konvinċenti.

40. Madankollu, skont il-qafas interpretattiv tagħha, il-Kummissjoni tikkaratterizza l-esklużjoni ta' esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi mir-Renju tad-Danimarka, bħala attentat ta' introduzzjoni ta' deroga mill-formulazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012. Mill-perspettiva tal-qafas tal-proprjetà

[23] Enfasi magħmula minni.

[24] Fl-ewwel kawża "Feta", li kienet tirrigwarda miżuri Griegi li kienu jipprevjenu t-tqegħid fis-suq ta' ġobon mid-Danimarka bl-isem "Feta", l-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer ikkunsidra li dawn il-miżuri kienu jikkostitwixxu ostakolu għall-moviment liberu tal-merkanzija u għalhekk kienu jaqgħu taħt id-dritt tal-Unjoni li jipprojbixxi miżuri ta' effetti ekwivalenti fuq l-importazzjonijiet (dak li llum huwa l-Artikolu 34 TFUE). Madankollu, l-Avukat Ġenerali kien tal-opinjoni li tali miżuri, anki jekk huma ostakolu għall-kummerċ, jistgħu jiġu ġġustifikati mill-protezzjoni ta' proprjetà industrijali u kummerċjali. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 11 ta' dawn il-konklużjonijiet.

intellettwali, din il-formulazzjoni tipprojbixxi b'mod ċar kwalunkwe użu ta' ismijiet irreġistrati bħala DOPs. Għalhekk, minn din il-perspettiva, esklużjoni espressa tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi tidher superfluwa.

b) Argumenti dwar il-kuntest

41. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-evalwazzjoni tal-istruttura ġenerali u tal-kuntest ta' dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni tinkludi, fost oħrajn, dispożizzjonijiet oħra tal-istess miżura, flimkien ma' miżuri oħra li huma relatati jew konnessi b'mod sostantiv mal-miżura inkwistjoni [25]. Insostenn tal-pożizzjonijiet tagħhom, iż-żewġ partijiet jibbażaw ruħhom fuq dispożizzjonijiet oħra tar-Regolament Nru 1151/2012 kif ukoll fuq miżuri tal-Unjoni oħra relatati.

42. B'mod partikolari, ir-Renju tad-Danimarka jsostni li l-premessi 20 u 27 tar-Regolament Nru 1151/2012, li jsejħu għal mekkaniżmi għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini tal-Unjoni fuq livell internazzjonali permezz tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ ("WTO") u bl-użu ta' ftehimiet internazzjonali bilaterali u multilaterali [26], huma superfluwi jekk ir-Regolament Nru 1151/2012 innifsu jirrigwarda l-esportazzjonijiet. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni hija tal-fehma li l-istess premessi ma jistgħux jiġu interpretati bħala li jfissru li ftehimiet internazzjonali huma neċessarji sabiex jiġi żgurat li produtturi tal-Unjoni ma jippreġudikawx l-isforzi tal-Unjoni sabiex tipproteġi DOPs fuq il-livell internazzjonali. Dawn il-ftehimiet huma neċessarji sabiex jipproteġu produtturi DOP tal-Unjoni minn prodotti foloz imqiegħda fuq swieq barranin minn produtturi barranin. Skont il-Kummissjoni, il-qari tar-Renju tad-Danimarka ta' dawn il-premessi jmur kontra l-għan tagħhom u jinkoraġġixxi lill-Istati Membri jmorru kontra dawn il-ftehimiet.

43. Ir-Repubblika ta' Ċipru, insostenn tal-Kummissjoni u tal-qafas interpretattiv tal-proprjetà intellettwali tagħha, tirreferi għall-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 1151/2012. Din id-dispożizzjoni tipprovdi li DOPs ma għandhomx isiru ġeneriċi. Ir-Repubblika ta' Ċipru tinnota li din id-dispożizzjoni ma hijiex limitata għat-territorju tal-Unjoni.

44. B'kunsiderazzjoni tal-kuntest iktar wiesa', ir-Renju tad-Danimarka tinvoka miżuri tal-Unjoni oħra relatati mal-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi li jirrigwardaw l-inbid, spirti u prodotti tal-inbid aromatizzat. Hija tinnota li dawn il-miżuri jinkludu dispożizzjonijiet li jirreferu espressament għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi [27]. Għalhekk, fin-nuqqas ta' referenza espressa fir-Regolament Nru 1151/2012, il-leġiżlatur tal-Unjoni ovvjament ma riedx ikopri esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Madankollu, skont il-Kummissjoni u l-intervenjenti, ir-referenza espressa għal tali esportazzjonijiet f'dawk il-miżuri tista' tiġi spjegata mill-kamp ta' applikazzjoni usa' tagħhom. Bid-differenza għar-Regolament

[25] Ara pereżempju, is-sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, Fundación Consejo Regulador de la Denominación de Origen Protegida Queso Manchego (C-614/17, EU:C:2019:344, punti 23 sa 28).

[26] Il-premessa 20 tar-Regolament Nru 1151/2012 tipprovdi fil-parti rilevanti: "Għandu jkun hemm provvediment għall-iżvilupp tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi fil-livell tal-Unjoni u għall-promozzjoni tal-ħolqien ta' mekkaniżmi għall-protezzjoni tagħhom f'pajjiżi terzi fil-qafas tal-Organizzazzjoni Dinjija tax-Xogħol (WTO) jew ta' ftehimiet multilaterali u bilaterali, sabiex b'hekk isir kontribut għar-rikonoxximent tal-kwalità tal-prodotti u tal-mudell ta' produzzjoni tagħhom bħala fattur li jżid il-valur". Barra minn hekk, il-premessa 27 tar-Regolament Nru 1151/2012 ssemmi li l-Unjoni "tinnegozja ftehimiet internazzjonali, inklużi dawk li jikkonċernaw il-protezzjoni tad-denominazzjonijiet tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi, mas-sħab kummerċjali tagħha" u li sabiex tiżgura l-protezzjoni u l-kontroll tal-użu li jsir minn dawk l-ismijiet, dawn jistgħu jiddaħħlu fir-reġistru tad-DOPs u IĠPs.

[27] Għall-inbid, ara b'mod partikolari, l-Artikoli 89, 119(1) u 122(4) tar-Regolament Nru 1308/2013. Għax-xarbiet spiritużi, ara l-Artikolu 1(2) u l-premessa 7 tar-Regolament Nru 2019/787. Għall-prodotti tal-inbid aromatizzat, ara l-Artikolu 1(3) u l-premessa 6 tar-Regolament Nru 251/2014.

Nru 1151/2012, dawn ikopru wkoll rekwiżiti relatati mal-prodott. Barra minn hekk, referenzi għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi ma humiex imsemmija fit-taqsimiet rilevanti li jirrigwardaw l-indikazzjonijiet ġeografiċi[28]. Dan iwassal għall-konklużjoni li l-fatt li tali esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi huma msemmija espressament f'dawn il-miżuri ma jistax jintuża bħala argument li n-nuqqas ta' tali referenza fir-Regolament Nru 1151/2012 tfisser li huwa ma japplikax għal tali esportazzjonijiet.

45. Waqt li jidħol fil-qafas tal-proprjetà intellettwali, ir-Renju tad-Danimarka jargumenta li miżuri oħra tal-Unjoni fil-qasam tal-proprjetà intellettwali jinkludu dispożizzjonijiet espliċiti dwar l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi[29]. Kieku r-Regolament Nru 1151/2012 kellu japplika wkoll għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi, kieku kien jkollu wkoll isemmi dan.

46. Fir-rigward tal-kuntest usa', il-Kummissjoni tinvoka r-Regolament Nru 608/2013[30], li jipprovdi protezzjoni uniformi tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (inklużi DOPs) fi proċeduri doganali, inkluż meta dawn ikunu intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Skont dan ir-regolament, merkanzija li tmur kontra d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali tista', pereżempju, tiġi meqruda mill-awtoritajiet doganali. Din tinkludi DOPs foloz intiżi għall-esportazzjoni, li huwa argument insostenn tal-projbizzjoni tal-użu ta' ismijiet irreġistrati fuq prodotti mmanifatturati fl-Unjoni u intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

c) Argumenti dwar l-għanijiet

47. Kull biċċa leġiżlazzjoni tal-Unjoni għandha, jew tal-inqas tista' tinftiehem li għandha, diversi għanijiet. Ir-Regolament Nru 1151/2012 jelenka diversi għanijiet fl-Artikoli 1(1) u 4 tiegħu. Għalhekk, skont l-oqfsa interpretattivi differenti, il-partijiet jenfasizzaw l-għanijiet imfittxija minn dan ir-regolament li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-konsumatur jew il-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali.

48. Ir-Renju tad-Danimarka jagħmel enfasi fuq l-għan li l-konsumaturi jkollhom informazzjoni xierqa. Għalhekk, huwa jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 1(1) tar-Regolament Nru 1151/2021, li jistabbilixxi li wieħed mill-għanijiet tar-regolament huwa li jgħin lill-produtturi jikkomunikaw il-karatteristiċi tal-prodotti lill-konsumaturi. Skont ir-Renju tad-Danimarka, moqri fid-dawl tal-premessi 2, 29 u 40 tar-Regolament Nru 1151/2012[31] huwa ċar li dan ir-regolament jirrigwarda

[28] Għall-inbid, ara l-Artikoli 93 sa 111 tar-Regolament Nru 1308/2013. Għax-xarbiet spiritużi, ara l-Artikoli 21 sa 42 tar-Regolament 2019/787. Għall-prodotti tal-inbid aromatizzat, permezz tal-emendi introdotti mir-Regolament 2021/2117, id-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi ta' tali prodotti tmexxew taħt il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012 (ara l-Artikolu 3 u l-premessa 77 tar-Regolament 2021/2117). Id-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 251/2014 issa jirrigwardaw biss id-definizzjoni, deskrizzjoni, preżentazzjoni u ttikkettjar ta' prodotti tal-inbid aromatizzat, u r-referenzi għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi baqgħu l-istess.

[29] Kif indikat mir-Renju tad-Danimarka, miżuri oħra jinkludu, fost oħrajn, l-Artikolu 19(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 6/2002 tat-12 ta' Diċembru 2001 dwar id-disinji Komunitarji (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 27, p. 142); l-Artikoli 10(3)(c), 11(b) u 16(5)(b) tad-Direttiva (UE) 2015/2436 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2015 biex jiġu approssimati l-liġijiet tal-Istati Membri dwar it-trade marks (ĠU 2015, L 336, p. 1, rettifika fil-ĠU 2016, L 110, p. 5); l-Artikoli 9(3)(c), 10(b) u 18(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2017, L 154, p. 1).

[30] Regolament (UE) Nru 608/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 2013 dwar l-infurzar doganali tad-drittijiet ta' proprjetà intellettwali u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1383/2003 (ĠU 2013, L 181, p. 15).

[31] Il-premessa 2 tar-Regolament Nru 1151/2012 tipprovdi: "Iċ-ċittadini u l-konsumaturi fl-Unjoni qed jitolbu dejjem iżjed kwalità kif ukoll prodotti tradizzjonali. Huma jixtiequ wkoll iżommu d-diversità tal-produzzjoni agrikola fl-Unjoni. Dan jiġġenera domanda għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel b'karatteristiċi speċifiċi identifikabbli, b'mod partikolari dawk marbuta mal-oriġini ġeografika tagħhom". Fil-parti rilevanti tagħha, il-premessa 29 ta' dan ir-regolament tipprovdi li: "Għandha tingħata protezzjoni lill-ismijiet inklużi fir-reġistru bl-għan li jkun żgurat li dawn jintużaw b'mod ġust u sabiex jitrażżnu prattiċi li jistgħu jqarrqu bil-konsumaturi". Barra minn hekk, il-premessa 40 tiegħu tipprovdi: "Sabiex l-ismijiet irreġistrati jkunu protetti minn xi abbuż, jew minn prattiċi li jistgħu jqarrqu bil-konsumaturi, l-użu tagħhom għandu jkun riżervat."

l-konsumaturi fis-suq intern. Peress li prodotti mqiegħda fis-suq barra mill-Unjoni ma jagħtux informazzjoni dwar il-prodotti lil konsumaturi fis-suq intern, il-konstatazzjoni li r-Regolament Nru 1151/2012 jirreferi għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi ma tikkontribwixxix għall-għanijiet tiegħu.

49. Il-Kummissjoni tikkontesta li l-uniku, jew tal-inqas, l-għan prinċipali tar-Regolament Nru 1151/2012 huwa l-protezzjoni tal-konsumaturi tal-Unjoni. Għall-kuntrarju, il-Kummissjoni ssostni li fost l-għanijiet l-iktar importanti tar-Regolament Nru 1151/2012 hemm il-protezzjoni tad-detenturi ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali abbażi ta' DOPs. Id-drittijiet tagħhom jiġu protetti biss jekk ir-Regolament Nru 1151/2012 jitqies li japplika wkoll għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Din il-protezzjoni sservi sabiex tiżgura kompetizzjoni leali għall-produtturi DOP. Dan huwa konformi mal-għanijiet tal-politika agrikola komuni "li tassigura b'dan il-mod livell ġust ta' għajxien għall-popolazzjoni agrikola, partikolarment billi jkabbar il-qligħ individwali tal-ħaddiema fl-agrikoltura", kif jipprovdi l-Artikolu 39 TFUE. Il-Kummissjoni tinnota li flimkien mal-Artikolu 118 TFUE dwar id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, il-bażi legali tar-Regolament Nru 1151/2012 huwa l-Artikolu 43(2) TFUE li jipprovdi l-kompetenza tal-Unjoni li tadotta miżuri għall-kisba tal-għanijiet tal-politika agrikola komuni.

50. Barra minn hekk, ir-Renju tad-Danimarka jibbaża ruħu fuq l-Artikolu 1(1)(d) tar-Regolament Nru 1151/2012, li jistabbilixxi l-integrità tas-suq intern bħala wieħed mill-għanijiet tiegħu. Huwa jinterpreta din id-dispożizzjoni fis-sens li r-Regolament Nru 1151/2012 jirrigwarda s-suq intern, u mhux is-swieq ta' pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni twieġeb għal dawn l-argumenti billi tiddikjara li l-għan tas-salvagwardja tal-integrità tas-suq intern huwa fil-fatt kompromess mill-użu illegali ta' DOPs irreġistrati fl-Unjoni fis-swieq ta' pajjiżi terzi.

d) Argumenti dwar l-istorja leġiżlattiva

51. Ir-Renju tad-Danimarka jargumenta li matul il-proċess leġiżlattiv il-Parlament ippropona ż-żieda ta' subparagrafu ieħor fl-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 1151/2012 kif oriġinarjament propost [32]. L-emenda proposta kienet taqra kif ġej: "Sabiex tipprevjeni t-tqegħid fis-suq tal-Unjoni *jew l-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi* ta' prodotti mhux ittikkettjati b'konformità ma' dan ir-regolament, il-Kummissjoni għandu jkollha s-setgħa tadotta atti ddelegati skont l-Artikolu 53 fir-rigward tad-definizzjoni tal-azzjonijiet li għandhom jiġu implimentati mill-Istati Membri f'dan ir-rigward" [33]. Madankollu, din l-emenda ma kinitx inkluża fil-verżjoni finali tar-Regolament Nru 1151/2012. Ladarba l-leġiżlatur tal-Unjoni kkunsidra l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi, iżda ma inkludihomx fit-test finali, ir-Renju tad-Danimarka jikkonkludi li l-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-regolament ma jkoprix tali esportazzjonijiet.

52. Il-Kummissjoni tispjega li l-emenda inkwistjoni ma kinitx inkluża fil-verżjoni finali tar-Regolament Nru 1151/2012 mhux għax kienet issemmi l-esportazzjonijiet, iżda pjuttost għax kienet tipproponi li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tiddelega.

[32] Ara l-Proposta tal-Kummissjoni Ewropea għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel, COM(2010) 733 finali, tal-10 ta' Diċembru 2010. Il-formulazzjoni oriġinali tal-Artikolu 13(3) proposta f'din il-proposta kienet is-segwenti: "L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi amministrattivi u ġudizzjarji sabiex jipprevjenu jew iwaqqfu l-użu illegali ta' denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi protetti kif imsemmi fil-paragrafu 1, b'mod partikolari fuq talba ta' grupp ta' produtturi kif previst fil-punt (a) tal-Artikolu 42."

[33] Ara r-rapport tal-Parlament Ewropew dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew rapport dwar il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli, abbozz tar-riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew, A7-0266/2011, tat-12 ta' Lulju 2011, emenda 55. Enfasi magħmula minni.

53. Ir-Renju tad-Danimarka jinvoka wkoll l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni dwar il-proposta tal-Kummissjoni [34]. Waħda mit-taqsimiet tagħha ddedikata lir-rakkomandazzjonijiet politiċi kienet tirrigwarda "l-protezzjoni u l-promozzjoni ta' kummerċ internazzjonali ta' kwalità". F'dan il-kuntest, il-Kumitat tar-Reġjuni talab "li jittieħdu miżuri speċifiċi sabiex jiġi evitat il-bejgħ fl-Unjoni *jew l-esportazzjoni lejn pajjiżi barra mill-Unjoni* ta' prodotti li l-ittikkettjar tagħhom ma huwiex konformi mal-leġiżlazzjoni li tirregola l-kwalità tal-prodotti agrikoli tal-Unjoni" [35]. Mill-fatt li l-formulazzjoni li tirreferi għall-esportazzjonijiet ma kinitx riflessa fit-test finali tar-Regolament Nru 1151/2012, ir-Renju tad-Danimarka jiddeduċi li l-leġiżlatur tal-Unjoni ddeċieda li ma jinkludix l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012. Madankollu, il-Kummissjoni tispjega li fil-fatt kien permezz tal-emenda proposta mill-Parlament li l-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 1151/2012 isemmi l-obbligu tal-Istati Membri li jipprevjenu jew iwaqqfu l-użu illegali ta' DOPs u IĠPs li huma "prodotti jew kummerċjalizzati f'dak l-Istat Membru". Għalhekk, minn dan il-punt tal-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, ma jistax jiġi dedott li esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi ma kinux intiżi li jkunu koperti bir-Regolament Nru 1151/2012.

e) Argumenti dwar il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

54. Ir-Renju tad-Danimarka jibbaża ruħu fuq is-sentenza tal-10 ta' Diċembru 2002, British American Tobacco (Investments) u Imperial Tobacco [36]. Din il-kawża rriżultat minn rinviju għal deċiżjoni preliminari dwar l-interpretazzjoni u l-validità ta' direttiva tal-Unjoni dwar il-manifattura, preżentazzjoni u bejgħ ta' prodotti tat-tabakk. Fost affarijiet oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Artikolu 7 ta' din id-direttiva, li kien jirrigwarda deskrizzjonijiet tal-prodott, kien japplika biss għal sigaretti mqiegħda fis-suq tal-Unjoni, u mhux għal dawk esportati lejn pajjiżi terzi. Ir-Renju tad-Danimarka jinnota li l-Qorti tal-Ġustizzja waslet għal din il-konklużjoni abbażi tal-kuntest u l-għan tad-direttiva inkwistjoni sabiex tikkonkludi jekk il-leġiżlatur tal-Unjoni riedx jestendi din id-dispożizzjoni għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi. Min-naħa tagħha, il-Kummissjoni tikkunsidra li l-kuntest tas-sentenza BAT huwa differenti minn dak ta' din il-kawża, peress li d-direttiva inkwistjoni f'din is-sentenza kellha l-għan li ttejjeb il-funzjonament tas-suq intern, filwaqt li din il-kawża tirrigwarda ksur tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali rrikonoxxuti mid-dritt tal-Unjoni.

55. Insostenn tal-argument tiegħu li l-leġiżlatur tal-Unjoni kellu l-obbligu li jsemmi b'mod espliċitu l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi sabiex dawn jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012, ir-Renju tad-Danimarka jibbaża ruħu wkoll fuq is-sentenza tal-24 ta' Settembru 2019, Google (Portata territorjali tat-tneħħija ta' referenza) [37]. Din il-kawża kienet tirrigwarda l-portata territorjali tad-dritt tat-tneħħija ta' referenza u l-effetti ekstraterritorjali potenzjali tad-Direttiva 95/46 [38] u s-suċċessur tagħha, ir-Regolament (UE) 2016/679 [39]. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li ma kienx evidenti li l-leġiżlatur tal-Unjoni ried jimponi fuq operatur, bħal Google, obbligu ta' tneħħija ta' referenza li jmur lil hinn mit-territorju

[34] Ara l-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni "Lejn politika Ewropea ambizzjuża għal skemi tal-politika agrikola", tat-12 ta' Mejju 2011 (ĠU 2011, C 192, p. 28) ("Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni"), Taqsima C.

[35] Ara l-punt 24 tal-Opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 34 ta' dawn il-konklużjonijiet. Enfasi magħmula minni.

[36] C-491/01, EU:C:2002:741 ("is-sentenza BAT"), punti 203 sa 217.

[37] C-507/17, EU:C:2019:772 ("is-sentenza Google"), punti 53 sa 65.

[38] Direttiva 95/46/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ottubru 1995 dwar il-protezzjoni ta' individwi fir-rigward ta' l-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' dik id-data (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 15, p. 355).

[39] Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU 2016, L 119, p. 1, rettifika fil-ĠU 2018, L 127, p. 2)

tal-Istati Membri. Għaldaqstant, id-dispożizzjonijiet rilevanti tad-Direttiva 95/46 u tar-Regolament 2016/679 ma kinux japplikaw barra mill-Unjoni. Il-Kummissjoni twieġeb billi tiddikjara li s-sentenza Google kienet tirrigwarda l-possibbiltà ta' applikazzjoni ekstraterritorjali tad-dritt tal-Unjoni. Hija tispjega li madankollu, f'din il-kawża, il-Kummissjoni mhix qiegħda tipprova tapplika l-leġiżlazzjoni tal-Unjoni għal pajjiż terz. Il-kawża tirrigwarda biss l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012 fl-Unjoni stess. Għalhekk, is-sentenza Google hija irrilevanti għal din il-kawża.

f) Konklużjoni interim

56. Fil-fehma tiegħi, ebda wieħed minn dawn l-argumenti, kemm fir-rigward tal-formulazzjoni, tal-kuntest, tal-għanijiet jew tal-storja leġiżlattiva tar-Regolament Nru 1151/2012, ma huwa konklużiv, b'tali mod li jimmilita favur waħda miż-żewġ interpretazzjonijiet opposti. Għalhekk, huwa neċessarju li wieħed jagħżel bejn iż-żewġ oqfsa interpretattivi u jilqa' dawk l-argumenti li jiġġustifikaw is-soluzzjoni offruta mill-qafas magħżul.

3. Ir-Regolament Nru 1151/2012 għandu jiġi interpretat bħala li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' "Feta falz" lejn pajjiżi terzi

57. Kif żvelajt fil-bidu, jiena naqbel u nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tilqa', l-interpretazzjoni tal-Kummissjoni li tipprovdi li r-Regolament Nru 1151/2012 japplika wkoll għal prodotti mmanifatturati fl-Istati Membri, iżda intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi.

58. Wasalt għal din il-konklużjoni għal żewġ raġunijiet prinċipali. L-ewwel, għax dan ir-riżultat jista' jiġi ġġustifikat fil-kuntest taż-żewġ oqfsa interpretattivi, jiġifieri, dawk li jirrigwardaw il-proprjetà intellettwali u l-liberalizzazzjoni tal-kummerċ. Għall-kuntrarju, l-interpretazzjoni li tipprovdi li r-Regolament Nru 1151/2012 ma japplikax għal prodotti b'ismijiet irreġistrati li huma intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi tista' taħdem biss fil-kuntest tal-qafas interpretattiv tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ. It-tieni, sa fejn l-intenzjoni mhux ambigwa tal-leġiżlatur tal-Unjoni qatt tista' teżisti u "tinstab", nikkunsidra li l-interpretazzjoni proposta hija iktar addattata fir-rigward tal-mod kif nifhem l-intenzjoni tal-leġiżlatur tal-Unjoni wara l-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi.

59. Fir-rigward tal-ewwel raġuni tiegħi, il-kummerċ ħieles huwa bla dubju wieħed mill-valuri osservati mill-ordinament ġuridiku tal-Unjoni. Madankollu, il-liberalizzazzjoni tal-kummerċ żgur li ma kinitx l-unika forza motivanti, u lanqas l-iktar importanti. Sa minn kmieni l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja rrikonoxxiet li l-interessi tal-kummerċ ħieles għandhom ikunu bbilanċjati ma' interessi oħra[40]. Huwa minnu li l-analiżi ġudizzjarja ta' regoli, meta ssir fil-kuntest tal-qafas interpretattiv tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ, għandha tibda mill-premessa li ostakoli għall-kummerċ għandhom jiġu pprojbiti. Madankollu, ostakolu jista' jkun aċċettabbli, jekk ikun iġġustifikat minn u proporzjonat għal interessi oħra minbarra l-kummerċ, bħall-protezzjoni ambjentali, protezzjoni tal-konsumatur jew protezzjoni tal-proprjetà intellettwali, biex insemmi ftit minnhom.

[40] Sabiex nieħu eżempju klassiku, fis-sentenza tal-20 ta' Frar 1979, Rewe-Zentral (Cassis de Dijon) (120/78, EU:C:1979:42), il-Qorti tal-Ġustizzja diġà kienet wessgħet il-lista ta' ġustifikazzjonijiet possibbli għaż-żamma ta' ostakoli għall-kummerċ meta mqabbla ma' dawk previsti mit-Trattati u ħalliet il-lista miftuħa.

60. Il-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi hija mingħajr dubju importanti mill-perspettiva tal-kummerċ. Skont studji reċenti[41], din is-sistema għandha valur ekonomiku kunsiderevoli għall-Unjoni, b'bejgħ stmat ta' iktar minn EUR 77 elf miljun fl-2017 u parti sostanzjali tal-bejgħ ekstra-Unjoni ta' 22 %. Għalhekk, hija toħloq opportunitajiet ta' kummerċ importanti għall-produtturi DOP. Min-naħa l-oħra, dawn l-opportunitajiet, maħluqa permezz tal-protezzjoni tad-drittijiet tagħhom, jirriżultaw f'ostakoli għall-kummerċ għal oħrajn. Il-projbizzjoni ta' użu tal-isem "Feta" għal prodotti mqiegħda fi swieq ta' pajjiżi terzi huwa ostakolu għall-esportazzjonijiet. L-argument tal-Kummissjoni li din il-projbizzjoni ma tirrappreżentax projbizzjoni tal-esportazzjoni, peress li l-ġobon jista' jitqiegħed fis-suq taħt isem differenti, ma jagħmilx differenza. Ostakolu għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi diġà jeżisti meta l-esportazzjonijiet isiru iktar diffiċli.

61. Madankollu, ostakoli għall-kummerċ maħluqa minn leġiżlazzjoni nazzjonali jew tal-Unjoni huma permissibbli jekk ikunu ġġustifikati. Naqbel mar-Renju tad-Danimarka li ġustifikazzjoni bbażata fuq il-protezzjoni tal-konsumatur (li tiġi żgurata informazzjoni kredibbli dwar il-prodott) ma tissodisfax it-test ta' adegwatezza, speċjalment jekk il-konsumaturi protetti huma dawk fis-suq intern. "Feta falz" esportat ma jistax jagħti informazzjoni żbaljata lil dawn il-konsumaturi, peress li ma humiex preżenti fis-swieq ta' pajjiżi terzi. Għalhekk, l-ostakolu għall-kummerċ maħluq mill-interpretazzjoni li tipprovdi li r-Regolament Nru 1151/2012 japplika wkoll għall-esportazzjoni tal-prodotti lejn pajjiżi terzi ma jistax ikun iġġustifikat minn kwistjonijiet li jirrigwardaw il-protezzjoni tal-konsumatur.

62. Madankollu, jiena tal-fehma li l-projbizzjoni tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi ta' "Feta falz" immanifatturat fit-territorju tal-Unjoni tista' tkun iġġustifikata minn raġunijiet ibbażati fuq il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali. Anki jekk l-Unjoni ma tistax tirregola s-swieq ta' pajjiżi terzi bil-leġiżlazzjoni tagħha stess u għalhekk id-DOPs tal-Unjoni jistgħu jkunu esposti għal kompetizzjoni minn prodotti foloz f'dawn is-swieq, il-parteċipazzjoni ta' prodotti foloz immanifatturi fl-Unjoni xorta jagħmel agħar il-pożizzjoni kompetittiva ta' DOPs ġenwini f'dawn is-swieq. Projbizzjoni ta' esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi ta' ġobon imsejjaħ "Feta Daniż" immanifatturat fid-Danimarka jaqa' taħt il-poteri leġiżlattivi tal-Unjoni[42], filwaqt li pereżempju, il-projbizzjoni tal-bejgħ ta' "Feta Wisconsin"[43] fis-suq tal-Istati Uniti ma jaqax. Fil-fehma tiegħi, ma huwiex sproporzjonat li l-Unjoni tagħmel dak li tista' sabiex tissalvagwardja l-pożizzjoni kompetittiva tal-produtturi ta' DOPs tal-Unjoni. Għal din ir-raġuni, in-nuqqas ta' protezzjoni ta' DOPs tal-Unjoni fis-swieq ta' pajjiżi terzi ma jistax jintuża bħala argument li l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012 bħala li tirrigwarda l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi ma tissodisfax it-test ta' proporzjonalità meta bħala ġustifikazzjoni tingħata l-protezzjoni tal-proprjetà intellettwali. Għalhekk, l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012 li tipprojbixxi esportazzjonijiet ta' "Feta falz" lejn pajjiżi terzi tidher difensibbli anki fil-kuntest tal-qafas interpretattiv tal-liberalizzazzjoni tal-kummerċ.

63. Apparti dan, u fir-rigward tat-tieni raġuni tiegħi, jiena tal-opinjoni wkoll li l-qafas interpretattiv tal-proprjetà intellettwali jispjega b'mod adegwat l-intenzjoni leġiżlattiva wara r-Regolament Nru 1151/2012. Skont dan il-qafas interpretattiv, l-iskop tad-DOPs bħala drittijiet tal-proprjetà intellettwali huwa li tiġi żgurata kompetizzjoni leali għall-produtturi ta' prodotti DOP inkontrakambju għall-isforzi tagħhom li jżommu u jiżguraw il-kwalità għolja tal-prodotti

[41] Ara pereżempju, il-Kummissjoni Ewropea, *Studju dwar il-valur ekonomiku ta' skemi ta' kwalità tal-Unjoni, indikazzjonijiet ġeografiċi (IĠs) u speċjalitajiet tradizzjonali garantiti (STGs)*, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2021.

[42] Kif diġà spjegajt, ir-Renju tad-Danimarka ma jikkontestax l-eżistenza ta' tali kompetenza. Huwa jallega biss li din ma kinitx eżerċitata fl-adozzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012.

[43] L-isem huwa ivvintat.

tagħhom. Dan jiżgura s-sopravivenza ta' negozji tradizzjonali u jiżgura d-diversità tal-prodotti fis-suq. Għalhekk, din il-perspettiva tieħu inkunsiderazzjoni interessi oħra minbarra interessi ekonomiċi, li huma wkoll parti mill-perċezzjonijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni dwar x'inhi kwalità ta' ħajja tajba [44].

64. Indikazzjoni waħda tal-"intenzjoni tal-leġiżlatur", li hija oġġettivament aċċertabbli fid-dritt tal-Unjoni, hija l-għażla tal-bażi legali għal miżura. Ir-Regolament Nru 1151/2012 kien adottat fuq bażi legali doppja tal-Artikoli 43(2) u 118 TFUE. Dan jindika li l-idea ewlenija wara dan ir-regolament huwa t-titjib tas-sitwazzjoni tal-produtturi agrikoli tal-Unjoni billi tingħata protezzjoni tal-proprjetà intellettwali lil prodotti li jinvolvu metodi ta' produzzjoni tradizzjonali, li huma pprattikati fi u marbuta ma' żoni ġeografiċi partikolari. Il-lingwa Franċiża għandha kelma sabiex tiddeskrivi din ir-rabta speċjali bejn il-kwalità tal-prodotti u l-oriġini ġeografika tagħhom – *terroir* [45].

65. Sa mill-1970 l-Unjoni bdiet tistabbilixxi network ta' miżuri li jirregolaw u jipproteġu ċerti tipi ta' prodotti li għandhom denominazzjonijiet ta' oriġini jew indikazzjonijiet ġeografiċi u r-rekwiżiti għall-għoti, protezzjoni u kontroll ta' dawn tal-aħħar [46]. Barra mill-prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel, dawn il-miżuri jkopru l-inbid, spirti u prodotti tal-inbid aromatizzat. Ir-Regolament Nru 1151/2012 huwa strument legali ewlieni f'din is-sistema [47].

66. Ir-Regolament Nru 1151/2012 jistabbilixxi sistema uniformi u eżawrjenti għall-protezzjoni ta' denominazzjonijiet ta' oriġini u indikazzjonijiet ġeografiċi għall-prodotti agrikoli u prodotti tal-ikel [48]. Huwa jistabbilixxi proċedura għar-reġistrazzjoni ta' tali prodotti fuq livell tal-Unjoni, sabiex il-protezzjoni tagħhom tkun żgurata minn kull Stat Membru [49].

67. Il-partikolarità ta' DOPs, kif ukoll indikazzjonijiet ġeografiċi protetti oħra, bħala dritt tal-proprjetà intellettwali fl-Unjoni, hija li bid-differenza għal drittijiet tal-proprjetà intellettwali oħra, speċjalment it-trade marks [50], dawn jiddependu fuq sorveljanza pubblika u mhux fuq sorveljanza privata biss [51]. Huwa għal din ir-raġuni li r-Regolament Nru 1151/2012 jobbliga lill-Istati Membri jipprevjenu jew iwaqqfu l-użu illegali ta' ismijiet irreġistrati bħala DOPs. L-użu

[44] Ara f'dan ir-rigward, Davies, G., "Free Movement, the Quality of Life and the Myth that the Court Balances Interests", fi Koutrakos, P. *et* (edituri), *Exceptions from EU Free Movement Law: Derogation, Justification and Proportionality*, Hart, Publishing, Oxford, 2016, p. 214.

[45] L-idea kontemporanja tal-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi bħala drittijiet tal-proprjetà intellettwali għandha l-għeruq tagħha fil-kunċett Franċiż *terroir*, li kien żviluppat fir-rigward tal-inbid. Dan imur lura għall-attentati tal-prevenzjoni tal-frodi fis-suq tal-inbid Franċiż wara l-qerda tad-dwieli mill-phylloxera. Ara Calboli, I., "Geographical Indications between Trade, Development, Culture, and Marketing: Framing a Fair(er) System of Protection in the Global Economy?", f'Calboli, I. u Wee Loon, N.-L. (edituri) *Geographical Indications at the Crossroads of Trade, Development, and Culture*, *Focus on Asia-Pacific*, Cambridge University Press, Cambridge 2017, p. 3. Ara wkoll, pereżempju, Chaisse, J. *et* (edituri), *Wine Law and Policy: From National Terroirs to a Global Market*, Brill Nijhoff, Leiden,2021; Zappalaglio, A., *The Transformation of EU Geographical Indications Law: The Present, Past and Future of the Origin Link*, Routledge, London, 2021.

[46] Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tal-25 ta' Ottubru 2017, Il-Kummissjoni vs Il-Kunsill (Reviżjoni tal-Ftehim ta' Lisbona) (C-389/15, EU:C:2017:798, punt 15).

[47] Ara wkoll, pereżempju, Kireeva, I., "The new European Regulation on Quality Schemes for Agricultural Products and Foodstuffs", f'McMahon, J.A. u Cardwell, M.N. (edituri), *Research Handbook on EU Agricultural Law*, Edward Elgar Publishing, Cheltenham, 2015, p. 285; Nathon, N., "The Protection of Geographical Indications for Agricultural Products in the European Union", f'Sundara Rajan, M.T. (editur), *The Cambridge Handbook of Intellectual Property in Central and Eastern Europe*, Cambridge University Press, Cambridge, 2019, p. 349.

[48] Ara f'dan ir-rigward, is-sentenza tat-8 ta' Settembru 2009, Budějovický Budvar (C-478/07, EU:C:2009:521, punt 114), u tat-22 ta' Diċembru 2010, Bayerischer Brauerbund (C-120/08, EU:C:2010:798, punt 59).

[49] Ara f'dan ir-rigward, is-sentenzi tad-9 ta' Ġunju 1998, Chiciak u Fol (C-129/97 u C-130/97, EU:C:1998:274, punti 25 u 26), u tat-8 ta' Settembru 2009, Budějovický Budvar (C-478/07, EU:C:2009:521, punt 107).

[50] Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li indikazzjonijiet ġeografiċi u trade marks għandhom għanijiet differenti. Ara s-sentenza tal-20 ta' Settembru 2017, The Tea Board vs L-EUIPO (C-673/15 P sa C-676/15 P, EU:C:2017:702, punt 62).

[51] Ara f'dan ir-rigward, l-Opinjoni tal-Avukat Ġenerali Pitruzzella fil-kawża Syndicat interprofessionnel de défense du fromage Morbier (C-490/19, EU:C:2020:730, punt 29).

ta' sorveljanza pubblika tista' tinftiehem fil-kuntest li fih kienet żviluppata l-protezzjoni ta' DOPs fl-Unjoni – bħala mezz ta' protezzjoni u li jiżgura dħul ġust għall-produtturi tradizzjonali li mhux neċessarjament ikollhom l-għarfien (jew il-fondi) sabiex jipproteġu d-drittijiet tagħhom permezz ta' sorveljanza privata.

68. Din l-idea ma hijiex aċċettata globalment. Pajjiżi terzi bħall-Kanada u l-Istati Uniti għażlu li jipproteġu l-kwalità ta' prodotti permezz tal-kunċett ta' trade marks (inkluż trade marks kollettivi) [52].

69. Il-leġiżlazzjoni interna tal-Unjoni ma tistax tirregola s-swieq ta' pajjiżi terzi sabiex tiżgura l-istess livell ta' protezzjoni tad-DOPs tal-Unjoni bħal dak li jgawdu fis-suq intern. Dan huwa possibbli biss permezz ta' negozjati fuq livell multilaterali (il-WTO jew l-Uffiċċju Dinji għall-Proprjetà Intellettwali) jew bilaterali. Huwa għalhekk li l-Unjoni, bħala parti mill-politika iktar wiesgħa tal-protezzjoni ta' prodotti marbuta mal-oriġini ġeografika tagħhom, tieħu azzjoni fuq livell internazzjonali bil-għan li tilħaq ftehimiet li jipprovdu l-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni għall-indikazzjonijiet ġeografiċi inkluż id-DOPs [53]. L-isforzi tal-Unjoni sabiex tiżgura protezzjoni fis-swieq ta' pajjiżi terzi wkoll huma ddikjarati b'mod ċar bħala għan politiku fil-preambolu tar-Regolament Nru 1151/2012 [54]. Din il-politika hija evidenti fin-negozjati, ftit jew wisq ta' suċċess, ta' ftehimiet ma' pajjiżi bħall-Kanada, iċ-Ċina, Singapor jew l-Istati Uniti, [55], kif ukoll fl-impenji tal-Unjoni fuq livell multilaterali [56].

70. L-isforzi tal-Unjoni sabiex tiżgura protezzjoni adegwata tad-DOPs tal-Unjoni fis-swieq ta' pajjiżi terzi huma motivati wkoll mill-valur kulturali u ekonomiku sinjifikattiv li din il-protezzjoni għandha għall-komunitajiet lokali [57].

71. Għalhekk hemm rekord ta' azzjonijiet tal-Unjoni li jifformaw politika tal-Unjoni kredibbli u koerenti intiża għall-ogħla livell possibbli ta' protezzjoni ta' prodotti tal-Unjoni li l-kwalità tagħhom tista' tkun irrikonoxxuta mill-konnessjoni tagħhom ma' żona ġeografika partikolari, li tista' tkabbar il-kompetittività ta' produtturi ta' dawn il-prodotti.

72. Din il-politika timmilita favur l-interpretazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012 fis-sens li jipprojbixxi l-esportazzjonijiet ta' DOPs foloz lejn is-swieq ta' pajjiżi terzi. Kif indikat mir-Repubblika Ellenika u mir-Repubblika ta' Ċipru, ikun verament illoġiku għall-Unjoni li tinnegozja ftehimiet internazzjonali ma' pajjiżi terzi sabiex teħtieġhom jieħdu miżuri għall-prevenzjoni tal-produzzjoni ta' dawn il-prodotti li jkun fihom ismijiet irreġistrati b'mod illegali u fl-istess waqt tittollera din il-prattika fit-territorju tagħha stess fir-rigward tal-prodotti tagħha stess.

[52] Dwar id-differenza bejn l-approċċi tal-Unjoni u tal-Kanada jew tal-Istati Uniti għall-protezzjoni ta' indikazzjonijiet ġeografiċi, ara pereżempju, Matthews, A., "What Outcome to Expect on Geographical Indications in the TTIP Free Trade Agreement Negotiations with the United States?", u O'Connor, B., "The Legal protection of GIs in TTIP: Is there an Alternative to the CETA Outcome", f'Arfini, F. (Editur), *Intellectual Property Rights for Geographical Indications. What is at Stake in the TTIP?*, Cambridge Scholars Publishing, Newcastle upon Tyne, 2016, p. 1 u 19.

[53] Għal elenku tal-ftehimiet internazzjonali rilevanti konklużi mill-Unjoni li jipproteġu l-isem "Feta" f'pajjiżi terzi, ara r-reġistru GIview, disponibbli fuq https://ec.europa.eu.

[54] Ara l-premessi 20 u 27 tar-Regolament Nru 1151/2012.

[55] L-Unjoni kellha suċċess fin-negozjar tal-protezzjoni tal-isem "Feta" fi ftehimiet iffirmati mal-Kanada, Ċina u Singapor. Ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

[56] Għal diskussjoni ddettaljata, ara pereżempju, Gangjee, D.S. (editur), *Research Handbook on Intellectual Property and Geographical Indications*, Edward Elgar Publishing, Cheltenham, 2016; Blakeney, M., *The Protection of Geographical Indications: Law and Practice*, it-tieni edizzjoni, Edward Elgar Publishing, Cheltenham, 2019.

[57] Ara l-premessa 5 tar-Regolament (UE) 2019/1753 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2019 dwar l-azzjoni tal-Unjoni wara l-adeżjoni tagħha mal-Att ta' Ġinevra tal-Ftehim ta' Lisbona dwar id-Denominazzjonijiet ta' Oriġini u l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (ĠU 2019, L 271, p. 1).

73. Barra minn hekk, il-preżenza ta' DOPs foloz prodotti fl-Unjoni fis-swieq ta' pajjiżi terzi tikkontribwixxi għall-perċezzjoni tal-ismijiet tagħhom bħala ġeneriċi. Dan jirrendi iktar diffiċli għall-Unjoni li tiżgura l-protezzjoni tagħhom fuq dawn is-swieq permezz ta' negozjati. L-Artikolu 13(2) tar-Regolament Nru 1151/2012 li jipprevedi li DOPs ma għandhomx isiru ġeneriċi jista' tabilħaqq, kif propost mir-Repubblika ta' Ċipru [58], jintuża insostenn tal-pożizzjoni li r-Regolament Nru 1151/2012 japplika għal esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi.

74. Għaldaqstant, meta titqiegħed fil-politika tal-Unjoni ġenerali intiża għall-protezzjoni tad-DOPs bħala tip ta' dritt ta' proprjetà intellettwali speċjali fis-suq intern u fis-swieq ta' pajjiżi terzi, l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012 fis-sens li jipprojbixxi l-esportazzjonijiet ta' prodotti li jużaw illegalment ismijiet irreġistrati anki lejn pajjiżi terzi fejn din il-protezzjoni (għadha) mhix mogħtija, tidher għażla kredibbli. Tidher li hija l-interpretazzjoni li tirrifletti r-rieda tal-leġiżlatur tal-Unjoni.

75. Abbażi tar-raġunijiet preċedenti kollha, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li l-ewwel ilment tal-Kummissjoni huwa fondat u tiddikjara li r-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012 billi naqas milli jipprevjeni jew iwaqqaf l-użu tal-isem "Feta" fuq ġobon prodott fid-Danimarka, iżda intiż għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi fejn l-Unjoni għadha ma kkonkludietx ftehim internazzjonali li jiżgura l-protezzjoni ta' dan l-isem.

B. It-tieni lment dwar ksur tal-obbligu ta' kooperazzjoni leali

76. Il-Kummissjoni ssostni li r-Renju tad-Danimarka wettaq ksur tal-Artikolu 4(3) TUE flimkien mal-Artikoli 1(1) u 4 tar-Regolament Nru 1151/2012. Dan il-ksur jirriżulta min-nuqqas tal-awtoritajiet Daniżi li jipprevjenu jew iwaqqfu produtturi Daniżi milli jipproduċu jew iqiegħdu fis-suq imitazzjonijiet ta' "Feta", li jippreġudika l-għanijiet stabbiliti fid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1151/2012. Minbarra din t-talba magħmula fil-*petitum*, il-Kummissjoni tagħmel talba oħra fil-motivi u t-talbiet (iżda mhux fil-*petitum*) tar-rikors. Skont din l-allegazzjoni, ir-Renju tad-Danimarka wettaq ukoll ksur indipendenti tal-Artikolu 4(3) TUE billi mar kontra l-pożizzjoni tal-Unjoni fin-negozjati internazzjonali fir-rigward tal-protezzjoni ta' ismijiet irreġistrati tal-Unjoni.

77. Dawn iż-żewġ allegazzjonijiet huma differenti. Fil-fehma tiegħi, it-tieni waħda minn dawn iż-żewġ allegazzjonijiet ma għandhiex tittieħed inkunsiderazzjoni f'din il-kawża, peress li l-Kummissjoni ma talbithiex fil-*petitum* tagħha lill-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, fil-każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi li tagħti deċiżjoni dwar din l-allegazzjoni, jiena ser nagħti l-opinjoni tiegħi dwarha.

78. Ir-Renju tad-Danimarka jargumenta li ma wettaq ebda ksur tal-Artikolu 4(3) TUE, waħdu jew flimkien mal-Artikoli 1(1) u 4 tar-Regolament Nru 1151/2012, fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-fatt li nuqqas ta' qbil dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni ma jammontax fih innifsu għal ksur tal-obbligu ta' Stat Membru ta' kooperazzjoni leali.

[58] Ara l-punt 43 ta' dawn il-konklużjonijiet.

1. Allegat ksur tal-Artikolu 4(3) TUE, flimkien mal-Artikoli 1(1) u 4 tar-Regolament Nru 1151/2012

79. Skont l-Artikolu 4(3) TUE, li jesprimi l-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, l-Istati Membri għandhom l-obbligu li jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw l-applikazzjoni u l-effettività tad-dritt tal-Unjoni u sabiex jeliminaw il-konsegwenzi illegali ta' ksur ta' dan id-dritt. Dan l-obbligu huwa impost, fl-isfera tal-kompetenza tiegħu, fuq kull organu tal-Istat Membru kkonċernat [59].

80. Jeżistu eżempji fil-kuntest ta' proċeduri għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, meta l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li Stat Membru kiser l-Artikolu 4(3) TUE waħdu [60] jew flimkien ma' dispożizzjonijiet oħra tad-dritt tal-Unjoni [61].

81. Madankollu, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li n-nuqqas ta' twettiq tal-obbligu ġenerali ta' kooperazzjoni leali li jirriżulta mill-Artikolu 4(3) TUE huwa differenti minn nuqqas ta' twettiq tal-obbligi speċifiċi li fihom joħroġ dan l-obbligu ġenerali. Għaldaqstant, ksur ta' dan l-obbligu ġenerali jista' jiġi kkonstatat biss sa fejn jirrigwarda aġir differenti minn dak li jikkostitwixxi l-ksur ta' dawn l-obbligi speċifiċi [62]. Jekk l-allegat ksur tal-Artikolu 4(3) TUE jirrigwarda l-istess aġir bħall-allegat ksur ta' dispożizzjonijiet speċifiċi tad-dritt tal-Unjoni, l-evalwazzjoni taħt dawn id-dispożizzjonijiet speċifiċi hija suffiċjenti [63].

82. F'din il-kawża, it-tieni lment li jirrigwarda l-allegat ksur tal-Artikolu 4(3) TUE flimkien mal-Artikoli 1(1) u 4 tar-Regolament Nru 1151/2012 jidhirli li essenzjalment jirrigwarda l-istess suġġett u aġir bħal dak allegat fl-ewwel ilment fir-rigward tal-allegat ksur tal-obbligi speċifiċi skont l-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012. Dan joriġina mill-istess opinjoni diverġenti dwar l-interpretazzjoni tal-portata territorjali tar-Regolament Nru 1151/2012 u mill-istess aġir tal-awtoritajiet Daniżi li naqsu milli jipprevjenu jew iwaqqfu l-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq tal-imitazzjonijiet ta' "Feta". Kif ġustament indikat mir-Renju tad-Danimarka, l-awtoritajiet Daniżi jawtorizzaw il-produzzjoni u t-tqegħid fis-suq ta' imitazzjonijiet ta' "Feta" minħabba l-interpretazzjoni tar-Renju tad-Danimarka ta' dak li jikkostitwixxi użu illegali fis-sens tal-Artikolu 13(3) tar-Regolament Nru 1151/2012. Għaldaqstant, abbażi tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja msemmija fil-punt 81 ta' dawn il-konklużjonijiet, għandu jiġi kkunsidrat li ma huwiex neċessarju li l-Qorti tal-Ġustizzja tagħti deċiżjoni dwar it-tieni lment.

[59] Ara pereżempju, is-sentenzi tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja (arkivji tal-BĊE) (C-316/19, EU:C:2020:1030, punti 119 u 124), u tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" *et* (C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19, EU:C:2021:393, punt 176).

[60] Ara pereżempju, is-sentenzi tal-31 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (C-391/17, EU:C:2019:919), u tal-31 ta' Ottubru 2019, Il-Kummissjoni vs L-Olanda (C-395/17, EU:C:2019:918). F'dawn iż-żewġ kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li l-ksur tal-Artikolu 4(3) TUE kien jikkonsisti fir-rifjut mill-Istati Membri rispettivi li jikkumpensaw t-telf ta' riżorsi proprji tal-Unjoni, li seħħ minħabba d-deċizjonijiet tal-gvernijiet tal-pajjiżi u territorji ekstra-Ewropej li għalihom l-Istati Membri inkwistjoni kienu responsabbli. Sitwazzjoni oħra li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ksur awtonomu tal-Artikolu 4(3) TUE tirrigwarda waħda li fiha Stat Membru ma pprovdiex lill-Kummissjoni informazzjoni neċessarja matul il-proċedura preliminari għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. Ara pereżempju, is-sentenzi tat-2 ta' Settembru 2021, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja (Impjanti tat-trattament ta' ilma mormi) (C-22/20, EU:C:2021:669, punt 149) u tat-8 ta' Marzu 2022, Il-Kummissjoni vs Ir-Renju Unit (Rikors kontra l-frodi ta' sottovalutazzjoni) (C 213/19, EU:C:2022:167, punt 598).

[61] Għal eżempju klassiku, ara s-sentenza tad-9 ta' Diċembru 1997, Il-Kummissjoni vs Franza (C-265/95, EU:C:1997:595) (imsejħa b'mod komuni bħala l-kawża tal-"frawli Spanjol", li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li r-Repubblika Franċiża naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont ir-regoli tal-moviment liberu tal-Unjoni, flimkien ma' dak li llum huwa l-Artikolu 4(3) TUE, u skont l-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq ta' prodotti agrikoli, billi naqset milli tadotta l-miżuri kollha neċessarji u proporzjonati sabiex tipprevjeni l-ostakolu tal-moviment liberu ta' frott u ħaxix permezz ta' miżuri meħuda minn individwi privati).

[62] Ara pereżempju, is-sentenzi tal-15 ta' Novembru 2005, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka (C-392/02, EU:C:2005:683, punt 69), u tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja (arkivji tal-BĊE) (C-316/19, EU:C:2020:1030, punt 121).

[63] Ara pereżempju, is-sentenzi tat-30 ta' Mejju 2006, Il-Kummissjoni vs L-Irlanda (C-459/03, EU:C:2006:345, punti 168 sa 182) u tas-17 ta' Diċembru 2020, Il-Kummissjoni vs Is-Slovenja (arkivji tal-BĊE) (C-316/19, EU:C:2020:1030, punti 122 sa 129).

83. Fil-fehma tiegħi, hemm raġuni importanti li fuqha hija bbażata il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja skont liema l-ksur ta' obbligu speċifiku tad-dritt tal-Unjoni ma jirriżultax fi ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali. Din ir-raġuni toriġina mill-iskop tal-proċedura ta' ksur u ta' metodi ġudizzjarji għas-soluzzjoni ta' tilwim b'mod iktar ġenerali. Il-proċedura skont l-Artikolu 258 TFUE sabiex jiġi stabbilit nuqqas ta' twettiq ta' obbligu minn Stat Membru hija mezz sabiex jiġu ddeterminati l-obbligi tal-Istati Membri f'każijiet fejn teżisti differenza fl-interpretazzjoni tal-istess regola legali. F'dawn is-sitwazzjonijiet ta' tilwim dwar it-tifsira ta' regola legali, fejn il-Kummissjoni jkollha fehma, u l-Istat Membru fehma differenti, il-proċedura ta' ksur tagħti s-setgħa lill-Qorti tal-Ġustizzja ssolvi tilwima interpretattiva. Dan huwa rrikonoxxut mill-ġurisprudenza [64].

84. Għalhekk, jiena naqbel mal-argumenti mressqa mir-Renju tad-Danimarka li ma jistax jiġi kkunsidrat li l-Artikolu 4(3) TUE ġie miksur minn Stat Membru għax ma jaqbilx mal-Kummissjoni fir-rigward tal-interpretazzjoni ta' dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, bħal fil-każ inkwistjoni. Il-fatt li Stat Membru jinterpreta d-dritt tal-Unjoni b'mod differenti mill-Kummissjoni, ma jammontax fih innifsu għal ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali minn dak l-Istat Membru.

85. Huwa minnu li jekk dan ikun il-każ, ikun perikoluż peress li jista' jipprojbixxi li tilwim dwar l-interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jasal quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Nuqqas ta' qbil dwar it-tifsira tal-liġi huwa parti minn kull sistema legali. Sistemi bbażati fuq l-istat tad-dritt isolvu dan it-tilwim billi jagħtu s-setgħa lill-qrati jiddeċiedu x'inhi t-tifsira tal-liġi. Jekk jiġi deċiż li l-Istat Membru kiser l-obbligu tiegħu ta' kooperazzjoni leali minħabba interpretazzjoni differenti tal-liġi, dan imur kontra l-isforzi li tiġi żgurata s-soluzzjoni ta' dan in-nuqqas ta' qbil bi proċeduri ġudizzjarji. It-tifsira tal-liġi f'demokraziji liberali għandha tkun miftuħa għall-kontestazzjoni, u l-parti li l-interpretazzjoni tagħha ma tiġix milqugħa mill-qorti ma tistax titqies żleali għas-sistema tal-liġi sempliċement għax kienet "żbaljata". Ikun każ differenti, jekk wara li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddeċiedi x'inhi l-liġi, Stat Membru jibqa' japplikaha b'mod kuntrarju għal dik l-interpretazzjoni.

86. F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li t-tilwima f'din il-kawża toriġina essenzjalment minn nuqqas ta' qbil bejn il-Kummissjoni u r-Renju tad-Danimarka dwar l-interpretazzjoni tal-Artikolu 13 tar-Regolament Nru 1151/2012. In-nuqqas ta' qbil jeżisti dwar jekk dan ir-regolament għandux jiġi interpretat bħala li japplika għal prodotti intiżi għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi. Lil hinn minn din il-parti kkontestata tal-applikazzjoni tar-Regolament Nru 1151/2012, l-awtoritajiet Daniżi indikaw lill-Qorti tal-Ġustizzja (u dan ma kienx ikkontestat mill-Kummissjoni) li huma jimplimentaw l-miżuri ta' eżekuzzjoni xierqa fir-rigward tas-suq intern. Huma ma jimplimentawx dawn il-miżuri biss fir-rigward tal-esportazzjonijiet lejn pajjiżi terzi (peress li ma hemm ebda ftehim internazzjonali konkluż mal-Unjoni) għax fil-fehma tagħhom dawn l-esportazzjonijiet ma humiex koperti mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 1151/2012. F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-interpretazzjoni alternattiva ta' dan ir-regolament mogħtija mir-Renju tad-Danimarka, ma tikkostitwixxix fiha nnifisha aġir li jikkostitwixxi ksur tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali skont l-Artikolu 4(3) TUE.

87. Jista' jiżdied li ċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża ma humiex komparabbli ma' dawk li jagħtu lok għas-sentenza tad-19 ta' Frar 1991, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju [65], li għaliha tagħmel riferiment il-Kummissjoni. F'dak il-każ, l-ilment kien jikkonsisti fir-rifjut tal-Istat Membru li jipprovdi

[64] Ara pereżempju, is-sentenzi tal-14 ta' Diċembru 1971, Il-Kummissjoni vs Franza (7/71, EU:C:1971:121, punt 49), u tal-11 ta' Settembru 2014, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-525/12, EU:C:2014:2202, punt 24).

[65] C-374/89, EU:C:1991:60, punti 12 sa 16.

informazzjoni lill-Kummissjoni u l-Istat Membru wettaq l-obbligu tiegħu biss taħt theddida diretta ta' rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u mbagħad kiser dan l-obbligu hekk kif it-theddida kienet tidher li spiċċat. Il-Kummissjoni ma pprovatx li f'din il-kawża, ir-Renju tad-Danimarka wettaq xi atti jew ommissjonijiet iddeliberati f'dan il-każ.

88. Għalhekk, l-ilment li jipprovdi li r-Renju tad-Danimarka jikser l-Artikolu 4(3) TUE għax ma jwettaqx l-għanijiet tar-Regolament Nru 1151/2012, li huwa jinterpreta b'mod differenti, ma jistax jiġi milqugħ.

2. Allegat ksur tal-Artikolu 4(3) TUE waħdu

89. Il-Kummissjoni tallega li r-Renju tad-Danimarka kiser ukoll l-Artikolu 4(3) TUE billi dgħajjef il-pożizzjoni tal-Unjoni fin-negozjati internazzjonali dwar il-protezzjoni ta' ismijiet irreġistrati.

90. F'dan ir-rigward, kif indikat mid-duttrina[66], l-obbligu ta' kooperazzjoni leali għandu fil-fatt importanza partikolari fil-kuntest tar-relazzjonijiet esterni tal-Unjoni.

91. Dan huwa rifless ukoll f'numru ta' sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja li jirriżultaw minn proċeduri ta' ksur.

92. Pereżempju, fis-sentenza tat-12 ta' Frar 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja[67], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Repubblika Ellenika naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dritt tal-Unjoni, inkluż l-Artikolu 4(3) TUE, billi ssottomettiet proposta lil organizzazzjoni internazzjonali li bdiet proċedura li setgħet twassal għall-adozzjoni ta' regoli ġodda li jistgħu jaffettwaw id-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni, u b'hekk aġixxiet fuq bażi individwali f'qasam li fih l-Unjoni għandha kompetenza esterna esklużiva.

93. Fis-sentenza tal-20 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs L-Isvezja[68], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Renju tal-Isvezja kiser l-Artikolu 4(3) TUE billi ppropona unilateralment iż-żieda ta' sustanza partikolari fl-anness ta' konvenzjoni internazzjonali f'qasam ta' kompetenza kondiviża. B'hekk, dak l-Istat Membru ddiżassoċja ruħu minn strateġija komuni miftehma fil-Kunsill u li kellha konsegwenzi fuq l-Unjoni.

94. Barra minn hekk, fis-sentenza tas-27 ta' Marzu 2019, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja[69], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha skont deċiżjoni tal-Unjoni u l-Artikolu 4(3) TUE billi vvotat kontra l-pożizzjoni tal-Unjoni stabbilita f'dik id-deċiżjoni u billi opponiet pubblikament dik id-deċiżjoni u l-arranġamenti għall-eżerċizzju tad-drittijiet tal-vot ipprovduti fiha. B'mod partikolari, il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li permezz tal-aġir tiegħu, dan l-Istat Membru tbiegħed mill-pożizzjoni tal-Unjoni kif stabbilita f'dik id-deċiżjoni u rriskja li jippreġudika s-setgħa tal-Unjoni li tinnegozja fil-kuntest tal-konvenzjoni internazzjonali kkonċernata.

66 Ara pereżempju, De Baere, G. u Roes, T., "EU loyalty as good faith", *International & Comparative Law Quarterly*, vol. 64, 2015, p. 829; Cremona, M. (editur), *Structural Principles in EU External Relations Law*, Hart, Publishing, Oxford, 2018; Van Elsuwege, P., "The Duty of Sincere Cooperation and Its Implications for Autonomous Member State Action in the Field of External Relations", f'Varju, M. (editur), *Between Compliance and Particularism: Member State Interests and European Union Law*, Springer, Cham, 2019, p. 283; Eckes, C., "Disciplining Member States: EU Loyalty in External Relations", *Cambridge Yearbook of European Legal Studies*, Vol. 22, 2020, p. 85.

67 C-45/07, EU:C:2009:81.

68 C-246/07, EU:C:2010:203.

69 C-620/16, EU:C:2019:256.

95. Madankollu, f'din il-kawża, ma tressqet ebda informazzjoni lill-Qorti tal-Ġustizzja li tistabbilixxi li r-Renju tad-Danimarka prova jippreġudika n-negozjati tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' ismijiet irreġistrati fuq livell internazzjonali (multilaterali jew bilaterali). Il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja indikata fil-punti 92 sa 94 ta' dawn il-konklużjonijiet hija differenti minn din il-kawża. B'mod partikolari, ma ġiex ipprovat li r-Renju tad-Danimarka ħa xi tip ta' azzjoni konkreta fuq il-livell internazzjonali jew fil-kuntest ta' negozjati internazzjonali, li tmur kontra l-pożizzjoni tal-Unjoni.

96. Fid-dawl tar-raġunijiet preċedenti, it-tieni lment invokat mill-Kummissjoni għandu jiġi miċħud.

VI. Fuq l-ispejjeż

97. Skont l-Artikolu 138(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Madankollu, skont l-ewwel sentenza tal-Artikolu 138(3) tagħhom, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tordna lill-partijiet ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom jekk kull parti tirbaħ fuq xi punti u titlef fuq oħrajn. Għalhekk, peress li kemm il-Kummissjoni kif ukoll ir-Renju tad-Danimarka tilfu parzjalment, huma għandhom ibatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

98. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 140(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri li intervjenew fil-proċeduri jbatu l-ispejjeż tagħhom. Għalhekk, ir-Repubblika Ellenika u r-Repubblika ta' Ċipru għandhom jiġu ordnati jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.

VII. Konklużjoni

99. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha:

(1) tiddikjara li, billi naqas milli jipprevjeni jew iwaqqaf l-użu mill-produtturi Daniżi tal-isem irreġistrat "Feta" għal ġobon intiż għall-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi, ir-Renju tad-Danimarka naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel;

(2) tiċħad il-bqija tar-rikors;

(3) tordna lill-Kummissjoni Ewropea u lir-Renju tad-Danimarka jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom; u

(4) tordna lir-Repubblika Ellenika u lir-Repubblika ta' Ċipru jbatu l-ispejjeż rispettivi tagħhom.